KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Antoine Vassallo
Maria Baldacchino
Mario Calleja (online)
Maria Mallia

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg
Jean Carl Agius Ciscaldi
Vincent Bonello

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **02.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 02.02.01 | Rigward il-pjan ta' ħidma, s-Sindku qal li huwa tajjeb li matul il-laqgħa tal-lum niddiskutu aktar fid-dettal x'se jkun jirrikjedi dan. |
| 02.02.02 | Rigward Triq Ġużè Maria Camilleri, saret laqgħa mal-perit u mal-kuntrattur. Bażikament qed jerġaw jintefħu l-fili tal-madum, biex jiġi llivellat kollu. Fejn mhuwiex hekk, se jerġa jinqala u jsir il-filling fejn hemm meħtieġ. Dan se jwassal għat-tama li dan ma jibqax perikoluż. Bħalissa għaddej ix-xogħol biex dan kollu jitranġa. |
| **02.03** | **Pjan ta ħidma u diskussjonijiet oħra** |
| 02.03.01 | Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera jekk ħasbux f'xi individwi li setgħu ġew avviċinati biex ikunu parti mis-sotto kumitat rispettiv. |
| 02.03.02 | Il-Kunsillier Antione Vassallo qal li jekk ikun hemm xogħol li jista' jsir mill-kunsilliera stess huwa ukoll tajjeb. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera bejn il-membri preżenti, fejn kien hemm qbil li se jitressqu l-ismijiet fil-laqgħat li jmiss. |
| 02.03.03 | Il-kunsilliera Maria Baldacchino qalet li hemm żewġ persuni li huma nteressati li jkunu parti mis-sotto kumitat li tieħu ħsieb hi. Dawn huma s-Sinjuri Manuel Pirotta u Stephen Camilleri. |
| 02.03.04 | Is-Sindku qal li huwa mportanti li għal dawn il-ħames snin li ġejjin ikun hemm pjan sew imfassal minn qabel. Huwa mportanti li bħala kunsill inkunu nafu sew x'nixtiequ u fejn iridu naslu, biex b'hekk il-proċess tax-xogħol ikun wieħed mexxej u li jsir tajjeb. |
| 02.03.05 | Is-Sindku nforma lill-kunsilliera b'dak li huwa jixtieq li dan il-kunsill iwettaq matul dawn il-ħames snin.<br>L-ewwel beda billi semma li jintefħu x-xelters għall-pubbliku u li jibdew jintużaw b'mod reġolari. Huwa qal li l-ħsieb tiegħu hu li dawn jiġu rranġati, u kif ukoll li jkun hemm sotto kumitat li jifhem fuq dan is-settur filwaqt li jkollhom l-inkarigu li jieħdu ħsieb li dan isir aċċessibbli għan-nies. Huwa qal li bħala shelters hemm wieħed fejn il-Knisja tas-Samra, fejn dik ta' San Gejtanu u wieħed biswit Triq Dun Nerik Cordina Perez. |
| 02.03.06 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera fuq proġetti oħra li jixtieq li dan il-kunsill jaħdem fuqhom, fosthom verżjoni oħra ta' discovering il-Ħamrun u anke colouring book ieħor li jkun jiġbor fih informazzjoni fuq postijiet ta' interess fil-Ħamrun. Huwa semma ukoll il-pubblikazzjoni li qed jaħdem fuqha l-Professur Ray Mangion, fejn hu ltaqa ma' diversi individwi Ħamruniżi fejn dawn irrankuntaw il-ħajja tagħhom u kif kien il-Ħamrun fi żmienhom. |

02.03.07 Is-Sindku qal ukoll li jkun interessanti jekk jibdew isiru korsijiet ta' edukazzjoni varji kemm għal kbar u kemm għaż-żgħar. L-għan huwa li jgħin lill-individwi jagħmel avvanz f'ħajtu.

02.03.08 Is-Sindku kompla billi semma xi punti oħra li dan il-kunsill għandu jaħdem fuqhom fosthom, il-parkeġġ. Għalkemm hemm il-parkeġġi fl-iskejjel, huwa mportanti li jinstabu alternattivi u opportunitajiet ġodda ta' parkeġġi.

Aktar kameras. Is-Sindku enfasizza li filwaqt li fil-lokal hawn ammont konsiderevoli ta' cameras, ikun tajjeb li dawn ikomplu jiżdiedu. Permezz ta' dawn ikun jista' jiġi sorveljat aħjar l-iskart u s-sigurtà.

02.03.09 Fuq dan il-punt il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo qal li ikun għaqli li jsiru aktar kameras tas-sigurtà, fejn nies ikunu jistgħu jirrapurtaw vandaliżmu u dan jiġi iċċekkjat u tittieħed azzjoni.

02.03.10 Is-Sindku kompla li bħala kunsill għandhom jiżdiedu aktar l-attivitajiet tal-massa, filwaqt li tkompli l-ħidma fit-toroq u jsir aġġornament fil-bandli/ġnien ta' Anton Buttigieg, fi Pjazza Sette Giugio, u kif ukoll użu tal-iskejjel biex dawn ikunu miftuħa filgħaxija.

02.03.11 L-aħħar punt li semma s-Sindku kien il-possibilità li l-LEGA terġa tinfetaħ għaż-żgħażagħ. Huwa nforma lill-kunsilliera li tiġa beda jikkomunika mal-persuni ikkonċernati però s'issa dan kien bla suċċess. Huwa qal li se jibqa' jagħmel pressjoni. Huwa saħaq mill-ġdid li huwa mportanti li ssir ħidma fuq dawn il-proġetti u kif ukoll li jkollna pjan tajjeb, għax dan ikun ta' għajnuna ukoll fejn jidħlu fondi.

02.03.12 Il-kunsilliera Maria Baldacchino qalet li jkun għaqli li jkollna aktar attivitajiet tat-tfal, fejn fost l-oħrajn semmiet "Jum il-qaddisin kollha", fejn flok jew apparti ħelu, jinġabru fondi b'risq xi għaqda. Hija żiedet ukoll li darba f'xahar għandu jkun hemm ħarġa f'xi post interessanti, anke jekk barra l-lokal.

02.03.13 Fuq dan il-punt is-Sindku qal li filwaqt li huwa tajjeb li jkollna aktar attivitajiet għat-tfal, ikun għaqli li jsir pjan ta' sena għax dan jgħin ħabba kiri ta' swali, divertiment u aktar.

02.03.14 Fuq dan il-punt, il-Viċi Sindku staqsa jekk qatt saru tours fil-fabbrika tal-ħalib.

02.03.15 Il-Kunsillier Mario Callejja, ssuġerixxa li tista' ssir attività fejn in-nies ikollhom l-opportunita li jitilgħu fuq il-koppla tal-Knisja Parrokjali. Għal dan ikun hemm miżata żgħira li tmur b'risq il-knisja.

02.03.15 Is-Sindku qasam il-ħsieb mal-kunsilliera għall-possibilità li jsiru aktar attivitajiet tal-massa fil-Ħamrun. Huwa qal li dawn jistgħu ikunu bejn wieħed jew tnejn fis-sena. Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

02.03.16 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li tkun interessanti li jkun hemm attivitajiet ta' deġustazzjoni

02.03.17 Il-kunsilliera Maria Mallia qalet li tixtieq li fil-lokal ikun hawn park tal-klieb.

02.03.18 Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li dan jista' jsir fejn illum hemm il-Ġnien il-Vittmi Ħamruniżi. Huwa qal ukoll li hemm il-ħsieb li jsir parkeġġ taħt l-art, għalkemm l-ammont mhux wieħed kbir. Huwa qal li jista' jkun hemm il-possibilità li ssir sala żgħira ukoll. Huwa sostna li hemm lok ta' diskussjoni ta' kif l-aħjar li jintuża l-ispażju.

02.03.19 Wara li għamel aċċenn fuq is-Soup kitchen li hemm il-Belt Valletta, il-Viċi Sindku ġie nfurmat, li fuq skala simili, għalkemm differenti, fil-Ħamrun insibu lil YMCA.

02.03.20 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera rigward il-ġemellaġġi li għandu l-kunsill, fejn dak ta' Modica se jkun qed isir uffiċjalizzazzjoni tiegħu, huwa għarraf li hemm ġemellaġġi ma' Serrone u ma' Carpiteno Romano.

02.03.21 Fl-okkażjoni taż-żjara tal-vara ta' San Gejtanu f'Ruma, is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ż-żewġ baned tal-parroċċa se jkunu qed imorru jdoqqu f'dawn il-lokalijiet. Huwa qal ukoll li tkellem mas-Sindku ta' Carpineto Romano biex dawn jiġu fl-attività tal-Festival taċ-Ċikkulata. Huwa sostna li jkun tajjeb li bħala kunsill naraw kif ħadmu biex għollew il-livell tal-lokalita tagħhom. Fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera.

02.03.22 Il-kunsillier Mario Callejja issuġġerixxa li jsir kor bejn iż-żewġ parroċċi, però jkun f'isem il-Kunsill Lokali. Fuq dan il-punt is-Sindku qal, li jkun tajjeb jekk tibda tinbena database b'diversi kuntatti ta' artisti u ndividwi Ħamruniżi, filwaqt li fuq dan il-punt, il-Viċi Sindku qal li tkun idea tajba jekk issir sejħa għat-tfal fuq il-medja soċjali.

02.03.23 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir leaflet b'informazzjoni ta' kull meta jinġabar l-iskart b'diversi lingwi fosthom Malti, Ingliż, Pakistan, Indjan, Għarbi u Filippin. Huwa talab ukoll li jkollu l-kuntatti meħtieġa biex f'każ ta' bżonn relatat ma' skart ikun jaf lil min irid ikellem.

02.03.24 Fuq dan il-punt, is-Sindku informa lill-Viċi Sindku li r-responsabbiltà tal-boroż tal-iskart hija f'idejn r-reġjun u bħala kunsill inridu nagħmlu kuntatt magħhom, b'mod dirett jew mill-istaff. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera, fejn il-kunsill qabel li huwa mportanti li niffukaw fuq l-edukazzjoni. Filwaqt li l-kameras huma mportanti li jkun hemm aktar attenzjoni u nfurżar.

02.03.25 Hawn il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir kamera viċin il-ġnien 7 ta' Ġunju.

02.03.26 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-problema tal-ħamiem li qed toħloq inkonvenjent u ħsara. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera.

02.03.27 Fuq it-tema tal-indafa, l-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn jinħasslu aktar it-toroq, fejn oħrajn jitolbu aktar attenzjoni minn oħra. Fuq dan, il-Kunsilliera Maria Mallia qalet li hemm ċertu lokalitajiet jużaw bħal vakwu biex jitnadfu t-toroq.

02.03.28 Il-kunsillier Dr Antoine Vassallo ippreżenta l-permessi li ħarġu mill-PA.

02.03.29 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li saret laqgħa bejn is-Sindku u viċi sindku u s-supretendent rigward sigurtà. Huwa qal li mal-pulizija hemm xi issues ħabba li azzjonijiet mhux jitteħdu mal-ewwel filwaqt li min-naħa tal-kunsill saru bosta azzjonijiet. Wieħed mill-punti li ġew diskussi kienet il-problema b'uħud mill-ħwienet. Saret pressjoni interna, li waslet biex bdiet tittieħdet azzjoni. Hemm bżonn li jsiru aktar spezzjonijiet u l-komunikazzjoni mal-pulizija tkun waħda aktar regolari.

02.03.30 Bdiet diskussjoni rigward il-problema ta' Misraħ 7 ta' Ġunju fejn qed ikun hemm bosta ilmenti fuq dan il-post.

02.03.31 Il-Kunsilliera Maria Mallia qalet li għandha ssir grada li tkun għolja sular. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li saret pressjoni li ssir grada u saret waħda żgħira u filwaqt li intalbet ukoll camera. Bħala kunsill ilha ssir din it-talba biex ikun hemm camera li timmira lejn l-arblu u kif ukoll ikun hemm servizz tal-internet biex din taħdem. Bħala indafa se jieħdu ħsieb cleansing, xtieli u lift Project Green, filwaqt li toilet se jibqa' magħluq, kif hekk ilu. Fuq dan tkompliet diskussjoni libera fejn id-deċiżjoni hija li jinstab mod li eventwalment dan il-post jibda jintuża aħjar, anke bil-possibilità li jsiru xi attivitajiet.

02.03.32 Il-Kunsilliera Maria Mallia ġibdet l-attenzjoni fuq is-sistema tal-irrigazzjoni tal-iskola fi Triq Ġużè Pace.

02.03.33 Fuq dan il-punt is-Sindku qali li din kienet saret permezz ta' fondi pubbliċi u l-ħsieb kien li dejjem ikun hemm il-pjanti. Kien hemm diversi issues fuq dan però huwa qed ikompli jara l-possibilitajiet biex dan jerġa jibda jaħdem. Huwa qal li filwaqt li l-kap tal-iskola trid li dan jitneħħa, dan mhux possibbli ħabba li dawn saru minn fondi.

02.03.34 Il-Kunsilliera Maria Mallia qalet li avviċinawha xi ħwienet ta' Triq Ġużè Pace fejn qed jitolbu pots bil-pjanti fejn il-ħwienet tagħhom. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li ġaladarba jieħdu ħsieb huma u l-bankina tibqa wiesa sa 1.2 metri, dawn jistgħu jsiru.

02.03.05 Il-Kunsillier Mario Callejja ssuġerixxa li jsir fuljett b'informazzjoni relatata mal-Ħamrun inklużi festi u attivitajiet varji.

02.03.06 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kunsill se japplika għall-iskema SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, biex jitkomplew

ix-xogħlijiet addizzjonali meħtieġa u kif ukoll tisbiħ ieħor fi Triq il-Kbira San Ġużepp permezz ta' dawn il-fondi. Il-kunsill approva b'mod unanimu.

**02.04 Festa San Gejtanu**

02.04.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kollox se jimxi bħas-snin ta' qabel. Qed joħorġu l-permessi għal dawk li dejjem jaħdmu bħala bar. Hemm sett ta' regolamenti li jridu jimxu magħhom. Bħala kiosk se nibqgħu l-istess mhux se jiżdiedu aktar. Huwa nforma lill-kunsilleri li bħala kunsill se tkun qed tinħareġ parti mill-ispiża tal-mobile toilet. Dawk li jagħmlu bar joħroġu 100e u l-kumplament kunsill. Il-Kunsill approva.

02.04.02 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ġejna avviċinati mill-kumpanija li tagħmel il-birra Ċaqnu, fejn qed jitolbu biex jagħmlu promozzjoni tal-prodott tagħhom waqt il-festa, a bażi ta' donazzjoni €2000, fejn però huwa issuġġerixxa li tmur lill-għaqdiet. Kunsill approva.

02.04.03 Fuq dan, il-Viċi Sindku qal li jkun hemm konsiderazzjoni fuq dawk li jixtiequ jippromwovu affarijiet oħra bħal ikel.

**02.05 Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

02.05.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 07-2024 ġiet approvata.
Proposta mill-kunsillier Dr Antoine Vassallo u sekondat mill-Viċi Sindku Aymen Grech Pace

**02.06 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Ikkonfermata, illum 21 ta' Awwissu, 2024 fil-5.30pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv